



KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 13.7.2011
SEG(2011) 892 finali

DOKUMENT TA' ĦIDMA MILL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

**PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-
KUNSILL**

dwar il-Politika Komuni tas-Sajd

{KUMM(2011) 425 finali}
{SEG(2011) 891 finali}

1. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

1.1. Il-PKS naqset milli tagħti r-riżultati mixtieqa

Il-PKS attwali naqset milli tiżgura sfruttament sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin, u dan minkejja l-għodod ġodda ta' ġestjoni introdotti fl-2002: Il-Pjanijiet ta' Ġestjoni fit-Tul kellhom l-intenzjoni li jisfruttaw l-istokkijiet tal-ħut fl-livelli sostenibbli u li jibnu mill-ġdid l-istokkijiet mistada żżejjed, filwaqt li l-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali kellhom l-intenzjoni li jrawmu djalogo fost il-partijiet interessati u mal-Kummissjoni.

Il-problemi li affettwaw dan il-falliment huma interdipendenti. Il-kapaċità żejda hija r-raġuni ewlenija għas-sajd żejjed. Madankollu, it-tnaqqis tal-kwoti, li sar bil-ħsieb li jrażżan is-sajd żejjed, iktar żied il-kapaċità żejda. B'mod simili, il-kapaċità żejda timplika l-prestazzjoni ekonomika fqira tas-settur tal-qbid tal-ħut, iżda prestazzjoni ekonomika fqira tteġġeg is-sajd żejjed bħala soluzzjoni fuq żmien qasir għat-tnaqqis fid-dħul. Il-kapaċità żejda tirriżulta wkoll fis-sejriet ripetittivi tal-industrija għall-appoġġ finanzjarju pubbliku li jżomm il-kapaċità żejda u jteġġeg devjazzjoni mill-parir xjentifiku meta jkunu qed jiġu stabbiliti it-TACs (il-qabdiet totali permissibbli). Jekk wieħed iżomm dawn ir-rabtiet f'moħħu, il-problemi jistgħu jiġu kklassifikati kif ġej:

- Il-problema ewlenija tal-PKS hija n-nuqqas ta' sostenibbiltà ambjentali minħabba s-sajd żejjed. Il-problemi l-oħra kollha jikkontribwixxu għal dan. Il-kapaċità żejda tal-flotta, id-devjazzjoni mill-parir xjentifiku meta jkunu qed jiġu stabbiliti t-TACs, u n-nuqqas ta' prijoritizzazzjoni meta jkunu qed jiġu stabbiliti l-għanijiet huma l-fatturi ewlenin li jwasslu għas-sajd żejjed. Fatturi oħra huma l-istabbiltà relattiva, il-livell għoli ta' ħut skartat, il-konformità fqira u n-nuqqas ta' parir xjentifiku suffiċjenti.
- It-tieni problema hija s-sostenibbiltà ekonomika fqira, partikolarment għas-settur tal-qbid tal-ħut. Ħafna flotot ma jagħmlux profitt u huma vulnerabbli għax-xokkijiet esterni (pereżempju prezzijiet tal-fjuwil għoljin).
- It-tielet problema hija n-nuqqas ta' sostenibbiltà soċjali, li taffettwa primarjament is-settur tal-qbid tal-ħut u ż-żoni li jiddependu fuq is-sajd. Il-pagi baxxi u l-perikli serji ta' sikurezza jfissru li s-settur tal-qbid tal-ħut mhux sors ta' xogħol attraenti għal ġenerazzjonijiet potenzjali ġodda ta' sajjeda. Bħala riżultat ta' dan, l-impjiegi partikolarment fis-settur tal-qbid tal-ħut, ilu jonqos għal dawn l-aħħar 15-il sena f'diversi oqsma li jiddependu fuq is-sajd.
- Ir-raba' problema hija li l-PKS għandha qafas legali kumpless ħafna, li jrawwem il-mikroġestjoni u jfixkel il-ksib tas-sostenibbiltà ambjentali.
- Il-prestazzjoni tad-dimensjoni esterna tal-PKS ukoll kienet agħar milli kien mistenni, partikolarment fir-rigward tas-sostenibbiltà ambjentali, imma wkoll f'dak li għandu x'jaqşam mal-governanza internazzjonali.

1.2. Min huwa affettwat mill-PKS u kif?

<i>Parti interessata</i>	<i>Deskrizzjoni</i>	<i>Interessi ewlenin</i>
<i>Is-settur tal-qbid tal-ħut fl-UE</i>	Is-sidien u l-ekwipaġġ tal-bastimenti tal-UE	Iż-żamma tal-profitabbiltà u l-mezzi tal-għajxien

<i>Negozji u komunitajiet dipendenti</i>	Negozji u komunitajiet dipendenti fuq is-sajd	Iż-żamma tal-profitabbiltà u l-mezzi tal-għajxien
<i>Settur tal-ipproċessar</i>	Dawk li jipproċessaw il-materja prima kemm importata kif ukoll esportata fl-ilmijiet tal-UE	Iż-żamma tal-profitabbiltà u l-mezzi tal-għajxien, provvisti stabbli
<i>Regolaturi tas-settur</i>	Entitajiet regolatorji nazzjonali, reġjonali u lokali tas-sajd	L-iżgurar ta' qafas ta' ġestjoni effiċjenti, effettiv u prattiku li jibbilanċja firxa wiesgħa ta' ħtiġijiet tal-partijiet interessati
<i>Riċerka tas-settur</i>	Entitajiet ta' riċerka xjentifika li jikkontribwixxu għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-istokkijiet	Kontribuzzjoni għal sistema effettiva ta' ġestjoni tas-sajd permezz ta' aċċess f'waqtu għal dejta ta' kwalità għolja u robusta
<i>Konsumaturi</i>	Dawk li jikkunsmaw il-prodotti tas-sajd	Id-disponibbiltà, il-kost, il-kwalità u l-valuri nutrittivi tal-prodotti tas-sajd bi gradi differenti ta' skrutinju ambjentali
<i>Pajjiżi mhux tal-UE</i>	Is-settur tas-sajd f'kompetizzjoni mal-flotot tal-UE. Produtturi tal-akkwakultura, esportaturi lejn l-UE. Awtoritajiet f'pajjiżi mhux tal-UE li qed jitħallsu skont il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd (FPA)	Kunflitti ta' interess bejn dawk li jaraw l-UE bħala suq tal-esportazzjoni importanti ħafna u bħala sors tad-dħul, u komunitajiet żgħir tas-sajd li jaffaċċjaw il-kompetizzjoni mill-flotot tal-UE fis-sajd mhux tal-UE b'aċċess għar-riżorsi lokali
<i>NGOs, is-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini tal-UE</i>	NGOs li jħeġġu l-ġestjoni sostenibbli tas-sajd Il-pubbliku iġenerali li jinteressa ruħu jew jitħasseb dwar is-sajd u l-ambjent tal-baħar	Biex tinżamm il-popolazzjoni tal-ħut, il-biodiversità tal-baħar u l-valur tal-amenitajiet tal-oċeani, ix-xmajjar u l-għadajjar

1.3. Għaliex hemm il-ħtieġa tal-intervent pubbliku?

Is-sajd huwa kkaratterizzat mit-"Traġedja tar-Riżorsi Komuni": Individwi li joperaw fl-interess tagħhom stess għandhom it-tendenza li jisfruttaw riżorsa komuni ta' provvista, b'rivalità mal-oħrajn hekk kif jaqbd u s-sehem "tagħhom". Dak li sajjied wieħed jaqbad illum, ma jistax jinqabad l-għada minn sajjied ieħor. Il-kostijiet tal-ħsad imposti fuq l-oħrajn (inqas ħut li jista' jinqabad, ħsara lill-ħabitat, eċċ) mhux qed jiġu kkunsidrati mis-sajjieda meta jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom dwar is-sajd. Fin-nuqqas ta' intervent regolatorju rigward l-aċċess, l-istokkijiet se jiġu sfruttati flivelli li se jwasslu għan-nuqqas u l-estinzjoni kummerċjali tagħhom. Dan jiġġustifika l-intervent regolatorju u jimplika l-iskartar tal-għażla tal-"Ebda azzjoni mill-UE".

2. ID-DRITT TAL-UE LI TIEĦU AZZJONI

Skont l-Artikolu 3(d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Unjoni Ewropea għandha l-kompetenza esklussiva fir-rigward tal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar taħt il-PKS. Skont l-Artikolu 4(2d) l-Unjoni għandha kompetenzi komuni għall-bqija tal-PKS.

L-aħħar riforma tal-PKS saret fl-2002. Din ġiet implimentata permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru°2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002. L-Artikolu 35 tiegħu jinkludi dispożizzjoni speċifika biex sa tmiem l-2012 issir reviżjoni tal-Kapitoli II [Konservazzjoni u Sostenibbiltà] u III [Aġġustament tal-Kapaċità għas-Sajd]. Madankollu, il-konklużjonijiet tar-rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-PKS li sar fl-2007 flimkien mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni stess dwar il-PKS attwali, wasslu biex wieħed imur lil hinn minn dak l-obbligu u biex tiġi proposta riforma sħiħa tal-PKS.

3. L-GĦANIJIET TAL-PKS

3.1. L-għanijiet tal-PKS skont it-Trattat

L-għanijiet tal-PKS huma stabbiliti fl-Artikoli 3(d) u 4(d) u 38 u 39 tat-TFUE. L-Artikolu 11 huwa wkoll rilevanti, hekk kif jistipula li l-ħtiġijiet għall-ħarsien tal-ambjent għandhom ikunu integrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tal-Unjoni, partikolarment bl-għan li jħeġġu żvilupp sostenibbli. Skont l-Artikolu 39, l-għanijiet tal-PKS, li huma l-istess bħal daww għall-agrikoltura huma:

- li tkabbar il-produzzjoni agrikola billi tippromwovi progress tekniku u billi tiżgura l-iżvilupp razzjonali ta' produzzjoni agrikola u l-aħjar utilizzazzjoni possibbli tal-fatturi ta' produzzjoni, speċjalment tan-nies tax-xogħol,
- li tiżgura livell għust ta' għajxien għall-popolazzjoni agrikola, partikolarment billi jkabbar il-qligħ individwali tal-ħaddiema fl-agrikoltura,
- li tagħmel is-swieq stabbli;
- li tiggarantixxi d-disponibbiltà tal-provvisti,
- li tiżgura prezzijiet raġonevoli fil-konsenja tal-prodotti lill-konsumatur.

Dawn l-għanijiet huma l-istess bħal daww tal-Politika Agrikola Komuni iżda għandhom ikunu kkunsidrati fil-kuntest speċifiku tas-settur tas-sajd.

3.2. L-għanijiet ġenerali tar-riforma

Il-PKS riformata se tikseb sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali fir-rigward tal-isfruttament tar-riżorsi tas-sajd. Minn perspettiva legali, dawn l-għanijiet għandhom kollha l-istess importanza iżda l-ebda wieħed ma jista' jinkiseb waħdu.

Madankollu, is-sostenibbiltà ambjentali hija l-prinċipju ewlieni għas-suċċess tal-PKS. L-analiżi fil-valutazzjoni tal-impatt ikkonfermat li *'mingħajr titjib aktar evidenti fl-istatus tal-istokk, is-sostenibbiltà ekonomika u soċjali se tibqa' limitata'*. Id-definizzjoni tal-problema enfasizzat is-sitwazzjoni ħażina li fiha jinsabu bosta stokkijiet. Sabiex tiġi solvuta l-problema jeħtieġ li l-perssioni tas-sajd tkun taqbel iktar mas-sostenibbiltà ambjentali.

3.2.1. Sostenibbiltà ambjentali

Is-sostenibbiltà ambjentali hija mifhuma bħala l-isfruttament tal-istokkijiet li jsir b'mod li ma jippreġudikax sfruttament fil-futur. Dan iwassal biex il-perssioni tas-sajd tkun applikata b'mod konsistenti mar-rendiment massimu sostenibbli ("maximum sustainable yield" - MSY), *'bil-għan li jinkisbu dawn l-għanijiet għal stokkijiet eżawriti b'mod urġenti, u fejn possibbli, mhux aktar tard mill-2015'*. Il-ksib tas-sostenibbiltà ambjentali se jiżgura wkoll konformità mal-obbligu li l-ambjenti tal-baħar jilhqg status ambjentali tajjeb sal-2020, hekk kif stabbilit fid-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima.

Il-ksib ta' sostenibbiltà ambjentali jimplika:

- (a) Eliminazzjoni tas-sajd żejjed fuq żmien qasir;

- (b) Tnaqqis kemm jista' jkun tal-kapaċità żejda u tal-qbid skartat;
- (c) It-twaqqif ta' sistema għat-teħid tad-deċiżjonijiet li tkun konsistenti ma' sostenibbiltà fuq żmien twil, li tkun flessibbli u li tadatta ruħha għall-kundizzjonijiet lokali;
- (d) Thegħiġ biex l-industrija tiegħu aktar responsabbiltà għar-riżultati u biex tkun konformi mal-leġiżlazzjoni;
- (e) Titjib fid-disponibbiltà tal-parir xjentifiku u tad-dejta ekonomika.

3.2.2. *Sostenibbiltà ekonomika*

Sostenibbiltà ekonomika tfisser li jkun hemm fl-ottrazzjoni tal-ekonomija li jħallu l-qliegħ u li jkunu ekonomikament vijabbli fuq żmien twil. L-istess japplika għal attivitajiet relatati ta' proċessar, dawk anċillari u attivitajiet tal-akkwakultura, li jaġixxu fil-limiti stabbiliti permezz tas-sostenibbiltà ambjentali, li joperaw fil-kuntest tas-suq dinji kompetittiv u li tbiddel ix-xejriet tal-konsum.

3.2.3. *Sostenibbiltà soċjali*

Sostenibbiltà soċjali tfisser it-trasformazzjoni tas-sajd u attivitajiet relatati f'sors ta' impjegi attraenti li jippermettu livell ta' għajxien għal dawk li jiddependu fuqhom filwaqt li tiżgura l-vijabbiltà tal-komunitajiet tas-sajd. Is-sostenibbiltà soċjali f'dawn l-oqsma trid isserraħ fuq id-diversifikazzjoni ekonomika f'attivitajiet marittimi relatati kif ukoll fuq is-sajd innifsu.

3.2.4. *Għanijiet oħrajn: is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv*

Se jkun hemm il-ħtieġa li r-riforma tal-PKS tikkontribwixxi għall-għanijiet ġenerali tal-UE fir-rigward tat-tnaqqis tal-burokrazija. Is-simplifikazzjoni timplika tnaqqis fin-numru ta' regolamenti u l-kumplessità tagħhom, u integrazzjoni tal-fondi pubbliċi fi strument finanzjarju wieħed. Fir-rigward tal-piż amministrattiv, ir-riforma ma tinkludi l-ebda makroobjettiv li jista' jkun kwantifikat minħabba l-fatt li l-politika attwali tal-Kummissjoni f'dak il-qasam għandha tiskadi sal-aħħar tal-2012.

4. L-GĦAŻLIET POLITIĊI

L-**għażla Status Quo (SQ)** tikkonsisti fl-issoktar tal-PKS attwali, filwaqt li tiġi kkunsidrata leġiżlazzjoni riċenti, b'mod partikulari l-Pjanijiet ta' Ġestjoni fit-Tul pprogrammati, ir-Regolament dwar il-Kontroll u r-Regolament dwar is-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat. L-għażla SQ tikkorrispondi għall-PKS hekk kif se tkun f'Jannar 2013. Dan iservi ta' parametru referenzjarju għall-għażliet kollha tar-riforma.

Għażla 1 tfittex li tikseb sostenibbiltà ambjentali f'limitu ta' żmien flessibbli filwaqt li tillimita l-impatti ekonomiċi u soċjali negattivi fuq żmien qasir.

Il-komponenti ewlenin ta' din l-għażla huma:

- a) ksib tal-Fmsy kemm jista' jkun malajr, iżda bi tnaqqis massimu interannwali tal-qabdi totali permissibbli (TAC) ta' 25 % (hekk kif jinsab fil-Pjanijiet ta' Ġestjoni fit-Tul attwali).

Bħala rizzultat ta' dan, xi stokkijiet se jilhq u l-Fmsy wara l-2015 (iżda mhux aktar tard mill-2020).

b) użu tar-regola 'tal-ogħla valur' għas-sajd imħallat;

c) użu tad-Drittijiet Individwali Trasferibbli (ITRs) sabiex tkun eliminata l-kapaċità żejda. L-ITR għandu jkun obligatorju għall-flotot industrijali u volontarju għall-flotot żgħar, u se jkun implimentat fuq medda ta' erba' snin. It-trasferibbiltà se tkun tista' ssir biss fl-Istati Membri;

d) appoġġ finanzjarju pubbliku ffukat fuq ir-riforma; is-sussidji għall-flotta (Assi 1 tal-Fond Ewropew għas-Sajd attwali) se jitwaqqfu;

e) OKS iffukata fuq il-kumerċjalizzazzjoni, il-promozzjoni u d-differenzazzjoni fis-suq tal-prodotti lokali;

f) kostijiet tal-liċenzji tas-sajd bil-mod il-mod se jibdeu ikunu koperti mis-sidien tal-bastimenti skont l-FPA.

Għażla 2 tfittex li tikseb is-sostenibbiltà ambjentali mingħajr l-ebda flessibbiltà fil-limitu ta' żmien. Din l-għażla għandha l-għan li tikseb is-sostenibbiltà ambjentali sal-aħħar tal-2015, irrispettivament mill-impatti ekonomiċi u soċjali fuq żmien qasir. Din tinkludi preżunzjoni qawwija ħafna li f'dan il-qafas fuq żmien qasir se jkun hemm disponibbli parir xjentifiku suffiċjenti.

Il-komponenti ewlenin ta' din l-għażla huma:

a) Fmsy li jrid ikun miksub f'erba' snin mill-bidu tar-riforma.

b) użu tar-regola 'l-aktar sensittiva' għas-sajd imħallat;

c) użu ta' ITR biex tiġi eliminata l-kapaċità żejda, iżda bi trasferibbiltà li sseħħ fl-Istati Membri;

d) twaqqif tal-appoġġ finanzjarju pubbliku u tal-OKS u

e) FPAs li bil-mod il-mod għandhom jintemmu.

Għażla 3 tfittex li tikseb sostenibbiltà ambjentali f'qafas ta' żmien filwaqt li timminimizza l-impatti soċjali negattivi. Din l-għażla timminimizza l-impatti ekonomiċi u soċjali fuq żmien qasir billi tippermetti li s-settur ikollu aktar żmien biex jikseb l-Fmsy u jimplementa d-Drittijiet Individwali Trasferibbli.

Il-komponenti ewlenin ta' din l-għażla huma:

a) ksib tal-Fmsy kemm jista' jkun malajr iżda bi tnaqqis massimu interannwali tat-TAC ta' 15 %, biex b'hekk aktar stokkijiet jilhq u l-livelli Fmsy biss lejn l-aħħar tal-perjodu.

b) użu tar-regola 'tal-ogħla valur' għas-sajd imħallat;

c) użu tal-ITR bħal f'Għażla 1, iżda b'perjodu itwal ta' implimentazzjoni;

d) appoġġ finanzjarju pubbliku ffukat fuq ir-riforma iżda tingħata aktar attenzjoni lill-kwistjonijiet soċjali;

e) reviżjoni limitata tal-OKS, hekk kif jitħallew xi forom ta' intervent fis-suq.

Għażla 4 tfittex li tikseb sostenibbiltà ambjentali f'limitu ta' żmien flessibbli filwaqt li tillimita l-impatti ekonomiċi u soċjali negattivi fuq żmien qasir iżda mingħajr ma l-ITR ikun ġestit mill-UE. Din l-għażla hija ekwivalenti għal Għażla 1, iżda fiha d-Drittijiet Individwali Trasferibbli ma għandhomx jindirizzaw il-kapaċità żejda. L-Istati Membri huma ħielsa li jiddeċiedu jekk jimplimentawx l-ITR.

Ġew analizzati wkoll żewġ għażliet oħrajn:

Għażla 1a tikkorrispondi għal Għażla 1, iżda tuża r-regola 'l-aktar sensittiva' għas-sajd imħallat, bħall-Għażla 2.

Għażla 2a tikkorrispondi għal Għażla 2, iżda tuża t-tnaqqis massimu interannwali tat-TAC ta' 25 % bħal f'Għażla 1.

5. VALUTAZZJONI TAL-GĦAŻLIET

Il-metodoloġija użata iddefinixxiet:

a) miri li jistgħu jitkejlu għall-għanijiet u

b) grupp ta' indikaturi tal-impatt biex ikejlu l-progress li qed isir biex jintlaħqu l-għanijiet. Indikaturi oħrajn jindirizzaw il-governanza, il-piż amministrattiv u s-simplifikazzjoni. Il-valur tal-indikaturi għandu jitkejjel u jiġi mqabbel għall-2012, 2017 u l-2022 (2020 għall-prestazzjoni ambjentali). Il-valutazzjoni tal-impatt tiġbor flimkien l-analiżi kwantitattiva u kwalitattiva.

5.1. Sostenibbiltà ambjentali

L-għażliet kollha huma ferm superjuri għall-għażla SQ f'termini ta' sostenibbiltà ambjentali. L-għażla 2 tidher li għandha l-aħjar prestazzjoni kemm fuq żmien qasir kemm fuq żmien twil. Madankollu, il-komponent ambjentali tagħha mhuwiex prattiku, minħabba li ż-żmien li baqa' li matulu jista' jkun hemm l-iżvilupp tal-parir xjentifiku meħtieġ huwa qasir ħafna. Għażla 1a hija l-aħjar waħda. L-għażliet 1, 2a u 3 jiksibu riżultati tajbin ħafna, għalkemm inqas tajbin minn dawk miksuba fl-Għażla 1a, partikolarment sal-2020. Iż-żamma tal-kapaċità żejda fl-Għażla 4 tnaqqas b'mod sinifikanti l-prestazzjoni ambjentali tagħha.

Għażla 1a għandha l-akbar potenzjal li tnaqqas qbid mhux mixtieq billi tgħaqqad flimkien l-aqwa prestazzjoni ambjentali, ir-regola 'l-aktar sensittiva' għas-sajd imħallat, l-ITRs u l-element ta' reġjonalizzazzjoni. Ir-regola 'tal-ogħla valur' f'Għażla 1 tillimita l-potenzjal tagħha li tnaqqas il-ħut skartat.

L-Għażla SQ u l-Għażla 4 iġibu magħhom l-akbar flotto, kemm fuq żmien qasir kif ukoll fuq terminu twil ta' żmien. L-Għażliet 1 u 3 għandhom l-akbar tnaqqis fil-flotto.

5.2. Sostenibbiltà ekonomika

L-Għażla SQ ma tiksibx l-għan ta' sostenibbiltà ekonomika. L-Għażliet 1 (u 1a) jiksibu l-aħjar riżultati fuq żmien qasir kif ukoll għal terminu twil ta' żmien. L-Għażla 2 għandha prestazzjoni li hi b'xi mod aħjar minn dik tal-Għażla 2a u 3. L-Għażla 4 hija ferm agħar, minħabba li żżomm kapaċità żejda.

Il-qasam tal-ipproċessar li jiddependi fuq materja prima importata ma għandux ikun affettwat. Fir-rigward tal-ipproċessar tal-ħatt l-art lokali, l-Għażliet 1 u 1a jipproduċu l-aħjar riżultati fuq żmien qasir u għal terminu twil ta' żmien. Għas-servizzi anċillari li jiddependu mid-daqs tal-flotta, l-aħjar riżultati jinkisbu permezz tal-Għażla SQ, segwita mill-Għażla 4.

5.3. Sostenibbiltà soċjali

L-għażliet kollha jimplikaw tnaqqis sostanzjali fl-impjiegi fis-settur tal-qbid. Dan it-tnaqqis huwa anqas evidenti fl-Għażla SQ, minħabba li din tinkludi inqas tnaqqis fid-daqs tal-flotta, segwita mill-qrib mill-Għażla 4. Madankollu, f'termini ta' salarji, l-Għażla SQ tagħti riżultati negattivi u l-Għażliet 1 (u 1a) jipproduċu riżultati tajbin ħafna. Jekk wieħed jiġbor flimkien l-impjiegi u l-pagi, huma l-Għażliet 1 (u 1a) li jipproduċu l-aħjar riżultati.

5.4. Simplifikazzjoni u piż amministrattiv

F'termini ta' simplifikazzjoni, kwalunkwe għażla hija ferm aħjar mill-Għażla SQ. L-approċċi reġjonali li jaqgħu taħt l-Għażliet 1 (u 1a), 2 (u 2a) u 4 għandhom jissimplifikaw aktar il-PKS.

F'termini ta' kostijiet tal-ġestjoni, il-kisba ta' parir xjentifiku u dejta ekonomika għandha tkun ta' vantaġġ kbir. L-introduzzjoni tal-ITRs timplika piż amministrattiv għall-Istati Membri u l-UE; parti minn dawn il-kostijiet jistgħu jgħaddu għas-settur. Fl-aħħar nett, l-eliminazzjoni tal-FPAs jew il-ħlas tal-kostijiet għall-aċċess li jsir mis-sidien tal-bastiment għandhom inaqqsu l-kostijiet tal-ġestjoni fil-livell tal-UE. Għaldaqstant, l-Għażla SQ għandha tkun l-irħas waħda, segwita mill-Għażla 4, hekk kif ma jkunx hemm kostijiet assoċjati mal-ITRs. L-Għażla 1a tkun l-aktar waħda li tiswa flus, minħabba l-bżonn li jkun hemm parir xjentifiku dwar l-aktar stokkijiet sensittivi.

5.5. Dimensjoni esterna

L-Għażliet 1 (u 1a) huma dawk li joffru l-aħjar riżultati.

6. TQABBIL TAL-GĦAŻLIET: L-GĦAŻLA/GĦAŻLIET PPREFERUTA/I

Figura 1 – Tqabbil tal-Għażliet. Livell tal-UE 2017





Figura 2 – Tqabbil tal-Għażliet. Livell tal-UE 2022



B'mod ġenerali, l-għażliet 1 u 1a joffru l-aħjar riżultati kkombinati. Studju fuq erba' reġjuni li jiddependu fuq is-sajd (Brittanja, Galizja, Sqallija u l-Iskozja) jikkonferma dawn ir-riżultati fuq il-livell reġjonali. L-Għażliet 1 (u 1a) joffru wkoll l-aħjar riżultati f'termini tad-dimensjoni esterna.

7. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

Il-progress li jsir kull sena se jkun immonitorjat abbażi tal-parir xjentifiku għall-għan Fmsy, u abbażi ta' dejta ekonomika/soċjali li jibagħtu l-Istati Membri għas-sostenibbiltà ekonomika u soċjali.

Fir-rigward tal-evalwazzjoni, il-PKS riformata se tiegħu f'tit taż-żmien biex tibda tħalli r-riżultati, u għaldaqstant għandu jkun hemm il-possibbiltà li ssir reviżjoni f'nofs it-terminu fl-2017, li għaliha diġà sar l-immudellar. Ir-reviżjoni għandha tqabbel il-valuri proġettati ma' dawk attwali tal-indikaturi li ġejjin:

- Impatti ambjentali: stokkijiet fl-Fmsy, daqs tal-flotta u progress fl-ITR
- Impatti ekonomiċi: dħul, valur miżjud gross, dħul/dħul li jibbilanċja l-infiq u marġni nett ta' profitt
- Impatti soċjali: Impjiegi (ekwivalenti għall-full time – FTE) u paga tal-ekwipaġġ għal kull FTE.

Iċ-ċifri għall-2017 għandhom ikunu disponibbli fl-2019. L-evalwazzjoni għaldaqstant għandha ssir fl-2019.